This cancellation order is being made according to that stipulated in article 13(5) of Chapter 492, Laws of Malta, that states if the Commissioner determines, after enrolment under this article, that the element of a public purpose or public benefit in terms of these provisions is absent in the relevant organisation, he may by notice in writing, order the suspension or the cancellation of the enrolment of the voluntary organisation by the issue of a Suspension Order or a Cancellation Order, as appears appropriate in the circumstances.

An affidavit was made on the 16th July, 2024 declaring that the Certificate of Enrolment was lost. Hence, in accordance with article 20(1) of Chapter 492, Laws of Malta, if any person comes into possession or is in possession of the said Certificate of Enrolment of this cancelled voluntary organisation is formally requested to return such certificate to the Commissioner for Voluntary Organisations. Whoever fails to surrender such certificate shall be guilty of an offence against this Act and shall be liable, on conviction, to a fine (multa) of two hundred and thirty-two euro and ninety-four cents (232.94) and a fine (multa) of eleven euro and sixty-five cents (11.65) for every day of default.

This publication is also being made in terms of article 7(1)(g) and article 34(1) to (9) of Chapter 492 of the Laws of Malta and henceforth any person or entity who is in possession of any assets of any type, belonging to or held on behalf of this organisation is formally requested to communicate with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations immediately by email to (legal.cvo@gov.mt).

Dan bla preġudizzju għal kull azzjoni li l-istess Kummissarju jista' jieħu kontra l-istess organizzazzjonijiet jew l-amministraturi tagħha għal kull inadempjenza.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 19(9) tal-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-AV. JOHN SEYCHELL NAVARRO, LLD
Direttur (Servizzi Legali)
Għal-Kummissarju għal Għaqdiet Volontarji

Id-29 ta' April, 2025

This publication is being made without prejudice to any other action the same Commissioner for Voluntary Organisations may take against this organisation and its administrators for any non-compliance.

This publication is being made according to article 19(9) of Chapter 492 of the Laws of Malta.

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO, LLD
Director (Legal Services)
On behalf of the Commissioner for Voluntary Organisations

29th April, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami meħtieġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Awtorizzazzjoni A u B – Jannar 2025

Pubblikazzjoni tar-riżultat finali

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Id-29 ta' April, 2025

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation examination required for the application of authorisation of a service provider for Electrical Installations Authorisation A & B – January, 2025

Publication of final result

The Department of Examinations notifies that the final result of the above-mentioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

29th April, 2025

TRANSPORT MALTA

Għeluq Parzjali tal-Pjazza tal-Mosta għal Użu Pedonali

Transport Malta tgħarraf li mill-1 ta' Mejju, 2025 sal-aħħar ta' Settembru, 2025, kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt, mis-7.00 p.m. sal-11.59 p.m., parti mill-Pjazza tal-Mosta u parti minn Triq il-Bażilika se jkunu magħluqa għat-traffiku ta' vetturi biex tiżdied is-sigurtà ta' dawk li jagħmlu użu pedonali u jgawdu ż-żona.

Matul dawn il-ħinijiet, iż-żona dežinjata se tkun aċċessibbli esklussivalent għal użu pedonali. Wieħed jista' jara l-mappa li tinsab fuq paġna 5820 għal aktar dettalji u direzzjonijiet fuq il-post.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn Transport Malta permezz ta' ittra elettronika lil (info.tm@transport.gov.mt).

Id-29 ta' April, 2025

TRANSPORT MALTA


Partial Closure of Mosta Square for Pedestrian Use

Transport Malta notifies the public that from 1st May, 2025 till the end of September, 2025, every Friday and Saturday, from 7.00 p.m. till 11.59 p.m., part of Mosta Square and part of Triq il-Bażilika will be closed to vehicle traffic to enhance pedestrian safety and enjoyment of the area.

During these hours, the designated area will be accessible exclusively to pedestrians. The drawing for details and directions on site can be found on page 5820.

Further details may be obtained from Transport Malta by email to (info.tm@transport.gov.mt).

29th April, 2025


tm
Triq Sant Anna
Triq il-Bazilika
Triq il-Pont
Triq l-Oratorju
No Access to Mosta Square
Designed Pedestrian Zone
Mosta Parish Church
Parking Area
Triq il-Kostituzzjoni
Triq il-Kbira
FLOW
Traffic Flow
Diversion
SCALE BAR 1:1000
0
10
20
50
100

AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA U D-DWANA TA' MALTA

Kuntratti mogħtija mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, ippubblikati skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

Id-29 ta' April, 2025

Ref. Nru *Ref. No.*	Suġġett *Subject*	Data tal-għotja *Awarded Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Ms Carmen Camilleri	€14.34 per hour
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Mr George Camilleri	€16.20 per hour
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Mr Emanuel Caruana	€15.43 per hour
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Mr David Fenech	€17.24 per hour
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Mr Lawrence Sammut	€17.24 per hour
Contract dated 2nd April 2025	Contract for services for 3 months	2nd April 2025	Mr David James	€10.57 per hour
Contract dated 1st April 2025	Contract for services for 3 months	1st April 2025	Mr Alfred Zarb	€16.20 per hour

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.

Avviż Nru 11 Bejgħ tale quale tal-Fond f'Nru 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' u bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2023_0089_A. Is-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'A' jikkonsisti mill-livell zero (0) u l-livelli sotterranji biss u s-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'B' jikkonsisti fil-livelli kollha. Din il-proprjetà tinsab fi stat dilapidat u bi bżonn immedjat ta' manutenzjoni. Min jirbaħ l-offerta għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha relatati mat-tiswijiet meħtieġa fuq din il-proprjetà. L-offerti

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION

Contracts awarded by the Malta Tax and Customs Administration, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

29th April, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 8th May, 2025.

Advt No. 11. Sale tale quale of the premises at No. 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, as shown edged in red and marked letter 'A' and letter 'B' on the plan P.D.2023_0089_A. The site marked in red with letter 'A consists of level zero (0) and the subterranean only, and the site marked in red with letter 'B' consists of all levels. This property is in a dilapidated state and in need of immediate maintenance. All expenses required to restore this property are to be borne by the winning bidder. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount

għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,572 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u mitejn ewro (€157,200) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

of €10,572 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and fifty-seven thousand and two hundred euro (€157,200) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 12 Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru 2, Triq Fuq San Pawl, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2009_399. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. Din il-proprjetà hija offruta fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,350 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u erba' mija u ħamsin ewro (€1,450) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 12. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 2, Triq Fuq San Pawl, Cospicua, as shown edged in red on the plan P.D.2009_399. The airspace of this shop is not included with this tender. This property is being offered in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,350 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and four hundred and fifty euro (€1,450) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 13. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit u strutturi fl-Imwieġel fil-Limiti taż-Żurrieq muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0075_A. Din il-proprjetà tista' tkun suġġetta għal servitujiet eżistenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,161 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u sebgħa u tmenin ewro (€387) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 13. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site and structures at L-Imwieġel in the limits of Żurrieq as shown edged in red on plan P.D.2019_0075_A. This property may be subject to any existing servitudes. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,161 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and eighty-seven euro (€387) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

Id-29 ta'April, 2025

29th April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 30 ta' April, 2025.

ERU2404U25 – Devices
ERU2404U25 – Medicinal
ERU2404U25A – Medicinal
ERU2404U25B – Medicinal
ERU2404U25C – Medicinal
ERU2404U25D – Medicinal
ERU2404U25E – Medicinal
ERU2404U25F – Medicinal
ERU2404U25G – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-29 ta' April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2025.

ERU2504U25 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-29 ta' April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 30th April, 2025.

ERU2404U25 – Devices
ERU2404U25 – Medicinal
ERU2404U25A – Medicinal
ERU2404U25B – Medicinal
ERU2404U25C – Medicinal
ERU2404U25D – Medicinal
ERU2404U25E – Medicinal
ERU2404U25F – Medicinal
ERU2404U25G – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

29th April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 2nd May, 2025.

ERU2504U25 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

29th April, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-3444/25. Provvista ta' mitten restraints għan-Nursing Dept

CFT 009-3445/25. Provvista ta' qty 2 paediatric airway mannequin, full body

CFT 021-3446/25. Provvista ta' Fluconazole 10mg/ml oral suspension

CFT 021-3447/25. Provvista ta' Meropenem 500mg injections

CFT 014-3448/25. Provvista u konsenja ta' furnite items magħmula b'materjali u proċessi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għad-Dipartiment tal-Outpatients fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 021-3449/25. Provvista ta' Upadacitinib 15mg prolonged-release tablets

CFT 021-3450/25. Provvista ta' Salbutamol solution għal inhalation/nebulisation

CFT 020-3451/25. Provvista ta' maskri non-rebreather oxygen għall-adulti

CFT 020-3452/25. Provvista ta' 'disposable, single use, neutral dispersive electrodes'

CFT 014-3453/25. Provvista u konsenja ta' boroż tal-iskart għal skart domestiku mħallat għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 020-3454/25. Provvista ta' 'consumables compatible with VAB ATEC Sapphire'

CFT 020-3455/25. Provvista ta' dermatome blades għal kirurġija plastika

CFT 020-3456/25. Provvista ta' maskri oxygen medium conc – adulti

CFT 020-3457/25. Provvista ta' 'single use specimen retrieval bag, a)100ml and b)600ml'

CFT 020-3458/25. Provvista ta' 'single use specimen retrieval bag, 1200mls-1600mls'

CFT 020-3459/25. Provvista ta' braided synthetic absorbable suture G2/0

CFT 020-3460/25. Provvista ta' Hydrophilic single use catheters 16fr

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Id-29 ta' April, 2025

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 20th May, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the:

CFT 009-3444/25. Supply of mitten restraints for the Nursing Dept

CFT 009-3445/25. Supply of qty 2 paediatric airway mannequin, full body

CFT 021-3446/25. Supply of Fluconazole 10mg/ml oral suspension

CFT 021-3447/25. Supply of Meropenem 500mg injections

CFT 014-3448/25. Supply and delivery of furnite items produced with environmentally friendly materials and process for GGH Outpatients' Department

CFT 021-3449/25. Supply of Upadacitinib 15mg prolonged-release tablets

CFT 021-3450/25. Supply of Salbutamol solution for inhalation/nebulisation

CFT 020-3451/25. Supply of adult non-rebreather oxygen masks

CFT 020-3452/25. Supply of disposable, single use, neutral dispersive electrodes

CFT 014-3453/25. Supply and delivery of refuse bags for domestic mixed waste for Gozo General Hospital

CFT 020-3454/25. Supply of consumables compatible with VAB ATEC Sapphire

CFT 020-3455/25. Supply of dermatome blades for plastic surgery

CFT 020-3456/25. Supply of masks oxygen medium conc – adult

CFT 020-3457/25. Supply of single use specimen retrieval bag, a)100ml and b)600ml

CFT 020-3458/25. Supply of Single Use Specimen Retrieval Bag, 1200mls-1600mls

CFT 020-3459/25. Supply of braided synthetic absorbable suture G2/0

CFT 020-3460/25. Supply of Hydrophilic single use catheters 16fr

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

29th April, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar jgħarraf li:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025, għal:

Avviż Nru ZLC 2/2025. Tindif, manutenzjoni, żamma u tisbiħ ta' soft areas, roundabouts, pots u żbir ta' siġar b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista'jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' April, 2025

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żabbar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħaż-Żabbar Local Council through ePPS, by not later than noon on Friday, 30th May, 2025, for:

Advt No. ZLC 2/2025. Cleaning, maintenance, upkeep and embellishment of soft areas, roundabouts, pots and pruning of trees in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th April, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1054

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Marzu 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Amanda Bonnett vs Nazzareno Zarb Rikors numru 199/2024JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Nazzareno Zarb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' ġuramentat numru 199/2024 JPG fl-ismijiet Amanda Bonnett (KI 385482M) u Nazzareno Zarb (KI 375571M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fil-25 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrenti Amanda Bonnett (KI 385482M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li l-intimat jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;

2. Tordna li l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri [omissis] għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti;

3. Tawtorizza lill-esponenti tieħu d-deċizjonijiet ordinarji u straordinarji kollha, inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-edukazzjoni, mas-safar u mal-ħruġ ta' passaporti tal-minuri [omissis] mingħajr il-kunsens, presenza u firma tal-intimat u li tagħti dawk il-provvedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri fl-aħjar interess tiegħu;

By means of a decree of the 17th March 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Amanda Bonnett vs Nazzareno Zarb, Application number 199/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Amanda Bonnett in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a sworn application number 199/2024JPG in the names Amanda Bonnett (ID 385482M) vs Nazzareno Zarb (ID 375571M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 25th September, 2024, the applicant Amanda Bonnett (ID 385482M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the respondent is no longer entrusted with any of the rights of parental authority, in terms of Article 154 of the Civil Code, and this in the supreme interest of the minor;

2. Order that the exclusive care and custody of the minor [omissis] be entrusted exclusively to the applicant;

3. Authorise the applicant to take all ordinary and extraordinary decisions, including those relating to health, education, travel and the issuing of passports of the minor [omissis] without the consent, presence and signature of the respondent and to give those other appropriate and opportune provisions concerning the minor in his best interest;

4. Tordna li l-minuri [omissis] għandu jirrisjedi mal-esponenti u li d-domiċilju u residenza ordinarja tal-minuri għandha tkun fil-Gżejjer Maltin;

5. Tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri għandu jibqa' sospiż u mwaqqaf fl-aħjar interess tal-minuri u tagħti dawk il-provvedimenti oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri;

6. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment u spejjeż kollha relatati mal-minuri li għandu jiġi pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-imsemmjija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' 18-il sena u jekk jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem fuq bazi full-time jew sa 23 sena sakemm il-minuri jiddeċiedi li jibqa' jistudja, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qligħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċju tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;

7. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, ħruġ tal-passaporti u edukazzjoni, tal-istess minuri sakemm tkun qed tistudja, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas li dawn l-ispejjeż kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;

8. Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' mantenhiment u/jew ta' spejjeż kollha opra relatati mal-minuri lill-esponenti, uj dan skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;

9. Tordna Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Liġijie ta' Malta a favur l-esponenti u jekk din l-Onorabbli Qorti tħoss il-ħtieġa din l-Ordni tiġi estiża favur uliedha minuri u l-membri tal-familja tagħha.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet kollha kontra l-intimat, inkluż il-proċeduri ta' medjazzjoni u/jew mandati, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: c/o 203, Sciberras Associates, Vincenti Building, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Konvenut notifika: Ramlegh House, Triq Għar Dalam, Birżebbuġa u/jew 8, Scoby, il-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala

Ir-rikors fl-ismijiet Amanda Bonnett vs Nazzareno Zarb, rikors numru 199/2024JPG, jinsab differita għat-22 ta' Mejju, 2025, fl-10.30 a.m.

4. Order that the minor [omissis] should reside with the applicant and that the domicile and ordinary residence of the minor should be in the Maltese Islands;

5. Order that the access of the defendant to the minor should remain suspended and stopped in the best interest of the minor and give those other appropriate and opportune provisions concerning the minor;

6. Fix and liquidate an adequate amount of maintenance and all expenses related to the minor which should be payable by the respondent to the applicant for the said minor and remain so payable until the minor reaches the age of 18 and if he ceases school and starts working on a full-time basis or until 23 years until the minor decides to continue studying, as well as order that the maintenance as established be deducted directly from the salary or income of the defendant from the employment or work or any benefit that the defendant is perceiving, and deposited in a bank account indicated by the applicant; and provide on the modalities how the same maintenance should be reviewed and amended every year to reflect the increase in the cost of living and that the applicant receives any child benefit, including but not limitedly the children's allowance, in their entirety;

7. Order the defendant to pay all health, passport issue and education expenses of the same minor until she is studying, including expenses related to extra-curricular activities of minors. Failing all these expenses to be reflected in the amount of maintenance;

8. Order the defendant to pay the arrears of maintenance and/or all other expenses related to the minor to the applicant, and this according to the modalities and conditions that this Honourable Court deems fit;

9. Issue a Protection Order in terms of Cap 16 of the Laws of Malta in favour of the applicant and if this Honourable Court is of the view that this is so required, this order shall be extended in favour of her minor children and members of her family.

With all costs and interests against the respondent, including mediation procedures and/or warrants, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: c/o 203, Sciberras Associates, Vincenti Building, Triq l-Ifran, Valletta

Respondent notification: Ramlegh House, Triq Għar Dalam, Birżebbuġa and/or 8 Scoby, il-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala

The application in the names Amanda Bonnett vs Nazzareno Zarb, application number 199/2024JPG, has been postponed for hearing to the 22nd May, 2025, at 10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1055

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors numru 72/2025AL fl-ismijiet Rita Bonello vs Mohamad Khalf, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mohamad Khalf a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Rita Bonello (KI 810757M) vs Mohamad Khalf (KI 228901L) fl-atti tar-rikors numru 72/2025AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Frar, 2025, ir-rikorrenti Rita Bonello (KI 810757M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Il-kawża fl-ismijiet Rita Bonello vs Mohamad Khalf (rikors numru 72/2025AL) hija differita għad-29 ta' Mejju, 2025, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: 1, Triq it-Tarzna, L-Isla

Intimat: 57, Crown Flats, Flat 1, Triq Bonavita, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 18th March 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Rita Bonello vs Mohamad Khalf, application number 72/2025AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mohamad Khalf in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application number 72/2025AL in the names Rita Bonello (ID 810757M) vs Mohamad Khalf (ID 228901L) filed in the Civil Court (Family Section), on the 19th February, 2025, the applicant Rita Bonello (ID 810757M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage between the parties in terms of Article 66B Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the dissolution of marriage so that this is registered in the Public Registy.

And this under this provisons that this Court deems fit and opportune.

The application in the names Rita Bonello vs Mohamad Khalf, application number 72/2025AL, has been postponed for hearing to the 29th May, 2025, at 9.15 a.m.

Applicant: 1, Triq it-Tarzna, Senglea

respondent: 57, Crown Flats, Flat 1, Triq Bonavita, St Julian's

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1056

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors generali numru 324/2024AGV fl-ismijiet Joseph Carmel Mario Borg et vs Vitalia Borg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Vitalia

By means of a decree of the 21st March, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the General Application in the names Joseph Carmel Mario Borg et vs Vitalia Borg, General Application Number 324/2024AGV, the following publication was ordered for the purpose of

Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Carmel Mario Borg (KI 325060M) u Darina Yurievna Borg (KI 120617L) personalment u bħala kuraturi ad litem tal-minuri [omissis] vs Vitalia Borg (KI 0606098M) fl-atti tar-rikors ġenerali numru 324/2024AGV ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrenti Joseph Carmel Mario Borg (KI 325060M) u Darina Yurievna Borg (KI 120617L) personalment u bħala kuraturi ad litem tal-minuri [omissis] talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tappunta dan ir-rikors ġenerali għas-smigħ b'urġenza;

2. Tiddikjara li l-intimata tilfet is-setgħa ta' ġenitur bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikajra illi l-istess setgħa tal-ġenitur qiegħda tgħaddi fl-effetti legali kollha tagħha f'idejn ir-rikorrenti;

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri [omissis] esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Joseph u Darina Yurievna konjuġi Borg;

5. Tordna lill-intimata tgħaddi lir-rikorrenti kwalunkwe benefiċċju soċjali li huwa intitolat għalih il-minuri [omissis];

6. Illi fil-każ li jingħata aċċess lill-intimata għall-minuri [omissis], dan isir fil-preżenza biss tan-nanniet stante illi l-minuri huwa nieqes mid-dawl u jistgħu jinqalgħulu problemi mediċi li ommu mhix f'pożizzjoni li tgħinu fihom;

7. Illi minħabba l-urġenza tal-każ u minħabba l-fatt illi mhuwiex magħruf fejn qiegħda tgħix l-intimata, jekk in-notifika fl-aħħar post tax-xogħol illi jafu bih l-atturi tkun negattiva jew mhux aċċettata, tagħmel dan kollu bid-dispensa tal-ħtieġa tan-notifika;

8. Tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha inkuż dawk provviżorji fl-aħjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Notifika: Vitalia Borg, 146, Casa Fini, Wied Ħal Balzan, Ħal Balzan

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Antonio G. Vella, LLD

Rikors ġenerali numru 324/2024AGV

effecting service on the respondent Vitalia Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the General application number 324/2024AGV in the names Joseph Carmel Mario Borg (ID 325060M) and Darina Yurievna Borg (ID 120617L) personally and as curators ad litem of the minor [omissis], filed in the Civil Court (Family Section), on the 4th July 2024, the applicants Joseph Carmel Mario Borg (ID 325060M) and Darina Yurievna Borg (ID 120617L) personally and as curators ad litem of the minor [omissis] requested this Honourable Court to:

1. Appoint this general application for an urgent hearing;

2. Declare that the defendant has lost parental authority by application of article 154 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta;

3. Declare that the same parental authority is being transferred in all its legal effects in the hands of the plaintiffs;

4. Order that the care and custody of the minor [omissis] be entrusted exclusively to the plaintiffs Joseph and Darina Yurievna spouses Borg;

5. Order the defendant to pass on the plaintiffs any social benefits or assistance to which the minor child [omissis] is entitled;

6. That in the case that access is given tot he defendant for the minor child [omissis] this be done in the presence of the grandparents only, given that the minor has heavily impaired eyesight and he may have medical problems that his mother is not inh a position to help him with;

7. That due to the urgency of the case and due to the fact that it is not known where the defendant lives, if the notification at the last place of work known to the plaintiffs is negative or not accepted, drispensation of the notificatiojn requirement is granted;

8. Give any provision it deems appropriate in all circumstances including provisional ones in the best interest of the minor child.

With costs against the plaintiff.

Notification: Vitalia Borg, 146, Casa Fini, Wied Ħal Balzan, Ħal Balzan

Civil Court (Family Section), the Honourable Mr Justice Antonio G. Vella, LLD

General application number 324/2024AGV

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem utili għar-risposta.

Illum 9 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court,

Having seen the application,

Orders the notification to the couterparty with ten (10) days within which to submit a reply.

Today 9th July, 2024

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1057

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3816/2023, fl-ismijiet Allied Newspapers Limited vs SideStreet Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' SideStreet Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum l-1 ta' Settembru, 2023

Lil SideStreet Limited (C-97064) ta' BS Buildings, Triq il-Mosta, Ħal Lija LJA 9012

Permezz tal-preżenti, Allied Newspapers Limited (C308) ta' Times of Mlata, Triq l-Intornjatur, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, tirreferik għall-varji posts fuq il-midja socjali tas-soċjetà intimata taħt l-isem ta' Side Street Malta, permezz ta' liema s-soċjetà intimata qiegħda illegalment kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett, tistampa, timmanifattura, tidduplika jew mod ieħor tirripproduċi jew tikkopja kontenut tal-artikoli kif ukoll ritratti proprjetà tas-soċjetà mittenti, liema kontenut qiegħed jiġi stampat, immanifatturat, idduplikat jew b'mod ieħor riprodott mis-sit tas-soċjetà mittenti www.timesofmalta.com u dan mingħajr awtorizzazzjoni tas-sojċetà mittenti u/jew mingħajr mas-soċjetà mittenti tingħata xi forma ta' rikonoxximent li hija awtriċi tal-imsemmi kontenut.

Illi billi l-kontenut tal-artikoli tas-soċjetà mittenti jikkostiwixxu xogħol artistiku u xogħol letterarju u huma għalhekk protetti bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Copyright (Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta), l-aġir ts-soċjetà intimata huwa manifestament leżiv u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur u tal-proprjetà intellettwali tas-soċjetà mittenti. Inoltre, l-aġir tas-soċjetà intimata jammonta għal reat kriminali a tenur tal-Artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali, liema reat jimporta piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux

By means of a decree of the 11th February, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3816/2023, in the names Allied Newspapers Limited vs SideStreet Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent SideStreet Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 1st September, 2023

To SideStreet Limited (C 97064) of BS Buildings, Triq il-Mosta, Ħal Lija LJA 9012

By the present Allied Newspapers Limited (C-308) of Times of Malta, Triq l-Intornjatur, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, refers you to various posts on the social media of the respondent company under the name side Street Malta, by means of which the respondent company is illegally, both directly and indirectly, printing, manufacturing, duplicating or otherwise reproducing or copying contents of the articles as well as photos property of the interpellant company, which content is being printed, manufactured, duplicated or otherwise reproduced from the site of the interpellant company www.timesofmalta.com and this without authorisation of the interpellant company and/or without any form of acknowledgment that the interpellant company is the author of the said content.

That as the contents of the articles of the interpellant company constitute an artistic work and a literary work and are thus protected by the provisions of the Copyright Act (Cap. 415 of the Laws of Malta), the actions of the respondent company are manifestly in breach and in violation of the copyright and intellectual property of the interpellant company. Furthermore, the act of the respondent company amounts to a criminal offence in terms of Article 298B of the Criminal Code, which offence carries with it a punishment

iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux anqas minn €3000 u mhux aktar minn €24,000 jew dik il-multa u l-prigunerija flimkien.

Minkejja illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex twaqqaf dan l-aġir abbużiv u sabiex tneħħi l-kontenut li ġie stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod ieħor riprodott u dan inter alia permezz ta' interpellazzjoni formali mibgħuta nhar il-11 ta' Lulju, 2023, is-soċjetà intimata baqgħet tippersisti billi mhux biss ħalliet il-kontenut li ġie direttament u/jew indirettament meħud mis-soċjetà mittenti fuq il-midja soċjali tagħha talli qiegħda tippersisti u tkompli bl-aġir abbużiv tagħha kif fuq deskritt għad-detriment tas-soċjetà mittenti.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà mittenti qiegħda terġa' tiġi interpellata sabiex minnufih u mingħajr ebda dewmien, tneħħi kull kontenut u materjal li huwa proprjetà tas-soċjetà mittenti mill-pjattaformi kollha tagħha, liema materjal u/jew kontenut ġie, kemm b'mod dirett kif ukoll b'mod indirett, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod ieħor riprodott u kkupjat mis-sit www.timesofmalta.com u sabiex inoltre, tersaq għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lis-soċjetà mittenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijet intelletwali tagħha.

Fin-nuqqas li s-soċjetà intimata tagħmel dan is-soċjetà mittenti se tipproċedi sabiex tħares u tipproteġi d-drittijet tagħha naxxeni mil-liġi, inkluż li tagħmel ir-rapporti opportuni lill-Pulizija Eżekuttiva skont il-liġi u kif ukoll qiegħda minn issa żżomm lis-soċjetà intimata responsabbli għad-danni subiti u li qegħdin jiġu subiti b'konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata, inkluż danni morali ai termini tal-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of imprisonment for a period not exceeding three years or a fine not less than €3000 and not more than €24,000 or that fine and imprisonment together.

Although the respondent company was solicited several times to stop this abusive behaviour and to remove the content that was printed, manufactured, duplicated or otherwise reproduced and this inter alia by means of a formal solicitation sent on the 11th July, 2023, the respondent company persisted by not only leaving the content that was directly and/or indirectly taken by the interpellant company on its social media for persisting and continuing with its abusive behaviour as above described to the detriment of the interpellant company.

Thus, by means of the present official letter, the interpellant company is once again being solicited so that immediately and without any delay, it removes all content and material which is the property of the interpellant company from all its platforms, which material and/or content has, both directly and indirectly, been printed, manufactured, duplicated or otherwise reproduced and copied from the www.timesofmalta.com site and so that furthermore, it comes forward for the liquidation of the compensation due to the interpellant company as a consequence of the violation of its intellectual rights.

In default the interpellant company will proceed to preserve and protect its rights deriving from the law, including filing the opportune reports to the Executive Police according to law as well as from now holding the respondent company responsible for the damages suffered and which are being suffered as a consequence of the behaviour of the respondent company, including moral damages in terms of Cap 415 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1058

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awwissu, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3021/2024, fl-ismijiet Mark Mifsud et vs Mark Mercieca et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mark Mercieca u Alessandro Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 29th August, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3021/2024, in the names Mark Mifsud et vs Mark Mercieca et, the following publication for the purpose of service on the respondents Mark Mercieca and Alexander Mercieca was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum l-1 ta' Lulju, 2024

Lil: Mark Mercieca (KI 70670M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Alessandro Mercieca (KI 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti, Mark Mifsud (KI 0135468M) u Mary Mifsud (KI 0202966M) ta' La Soleil, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi, iġibu a formali konjizzjoni tagħhom illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras datat 9 ta' Marzu, 2021, Alessandro sive Alex Mercieca kkostitwixxa ruħu bħala debitur fil-konfront tal-mittenti.

Illi ai termini ta' kuntratt ulterjuri datat Marzu 2021 fl-atti tal-istess nutar Mark Mercieca kkostitwixxa ruħu bħala garanti ta' parti minn dan id-debitu permezz ta' ipoteka speċjali fil-valur ta' €300,000 fuq il-fond 37, Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid

Illi l-istess Alex Mercieca baqa' qatt ma ħallas l-imsemmija somma dovuta ai termini tal-kostituzzjoni ta' debitu.

Għaldaqstant, u in vista tas-su espost, il-mittenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa mil-lum tersqu għall-ħlas fis-sħiħ tad-debitu dovut ai termini tal-kostituzzjoni ta' debitu tad-9 ta' Marzu, 2021, u fin-nuqqas se jipproċedu sabiex jesegwixxu d-drittijiet ipotekarji tagħhom fuq il-fond numru 37, Triq Ninu Cremona, u dan mingħajr ebda preavviż ulterjuri.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 1st July, 2024

To: Mark Mercieca (ID 70670M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Alessandro Mercieca (ID 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

By the present Mark Mifsud (ID 0135468M) and Mary Mifsud (ID 0202966M) of La Soleil, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi bring to the formal notice of the respondents that by means of a deed in the records of Notary Dorian Sciberras dated 9th March, 2021, Alessandro sive Alex Mercieca constituted himself as debtor towards the interpellant.

That in terms of a further deed dated March 2021 in the records of the same Notary, Mark Mercieca constituted himself as surety of part of this debt by means of a special hypothec in the value of €300,000 on the premises 37, Triq Ninu Cremona, Paola.

That the same Alex Mercieca never paid the said sum due in terms of the constitution of debt deed.

Thus, and in view of the above, the interpellant is calling upon you so that within one week from today you come forward for the full payment of the debt due in terms of the constitution of debt deed of the 9th March, 2021, and in default they shall proceed to enforce their hypothecary rights on the premises number 37, Triq Ninu Cremona and this without any further notice.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1059

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5129/2024, fl-ismijiet D&Y Limited vs Andri Henaliuk et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 6 ta' Novembru, 2024

By means of a decree of the 27th January, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 5129/2024, in the names D&Y Limited vs Andri Henaliuk et, the following publication for the purpose of service on the respondents was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th November, 2024

Lil Andri Henaliuk (KI 152428A) ta' Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar

Nina Syorchuk (passaport Ukren GG349518) ta' Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar

Liubov Henaliuk (permess ta' residenza MT6891076) ta' Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar.

Permezz tal-preżenti, D&Y Limited (C78462) ta' 24, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, is-Salina, In-Naxxar, tagħmlilkom referenza għall-kuntratt ta' kera residenzjali datat l-20 ta' April, 2024, għall-kera tal-appartament proprjetà tas-soċjetà mittenti sewwa sew l-appartament bin-numru 6 sitwat fil-blokka bl-isem Eureka Mansions, Block C, Triq il-Ħamra, il-Qawra, San Pawl il-Baħar.

Kif intom ben konsapevoli, il-kuntratt ta' kera surreferit jistipula li l-kera għall-fond mikri lilkom hija fl-ammont ta' €850 fix-xahar pagabbli bil-quddiem sa mhux aktar tard mit-tielet (3) ġurnata tax-xogħol ta' dak l-istess xahar. Minkejja dan, intom mhux talli m'intomx tħallsu l-kera puntwalment, talli ma ħallastux il-kera dovuta lis-soċjetà mittenti għax-xahar ta' Settembru u Ottubru tas-sena 2024. Qegħdin tiġu wkoll infurmati li l-Awtorità tad-Djar ġiet infurmata b'dan in-nuqqas daparti tagħkom.

Barra minn hekk, intom inqastu wkoll li tħallsu lis-soċjetà mittenti l-kontijiet tad-dawl u l-ima tal-appartament li kontu u għadkom tagħmlu użu minnu.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, intom għandkom sa mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) ġurnata min-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali tgħaddu sabiex tħallsu lis-soċjetà mittenti l-kera dovuta għax-xahar ta' Settembru u Ottubru 2024 flimkien mal-ħlas dovut għall-konsum tad-dawl u ilma fil-proprjetà inkwistjoni kif ukoll tillikwidaw kwalunkwe danni li s-soċjetà mittenti qiegħda ssofri. Qegħdin tiġu infurmati li minħabba li m'intomx tonoraw l-obbligi tagħkom, il-kuntratt ta' kera qiegħed jiġi tterminat u għaldaqstant intom għandkom tivvakaw l-istess fond fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata min-notifika tagħkom ta' din l-ittra uffiċjali.

Intom għandkom tgħoddu l-preżenti bħala l-aħħar avviż. Fin-nuqqas li tagħmlu dak mitlub minnkom, is-soċjetà mittenenti mhija se jifdlilha l-ebda alternattiva oħra għajr li tintavola dawk il-proċeduri kollha neċessarji fil-konfront tagħkom inkluż bil-ħruġ tal-mandati relattivi.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

To Andri Henaliuk (ID 152428A) of Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Qawra, St Paul's Bay

Nina Syorchuk (Ukrainian passport GG349518) ta' Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Qawra, St Paul's Bay

Liubov Henaliuk (Residence Permit MT6891076) of Eureka Mansions, Block C, Apartment 6, Triq il-Ħamra, Qawra, St Paul's Bay

By the present D& Y Limited (C78462) of 24, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Salina, Naxxar, referes you to the residential lease agreemetn datat 20th April, 2024, for the lease of the apartment, property of the company, that is apartament number 6 situated in the block with name Eureka Mansions, Block C, Triq il-Ħamra, Qawra, St Paul's Bay.

As you are well aware, the aforementioned contract stipulates that the rent due for the property leased to you is in the amount of €850 per molnth payable in advance by not later than the third (3) working day of the same month. Despite this, you are not punctually paying the rent and failed to pay the rent due to the company for the month of Septemeber and October of the year 2024. You are also being informed that the Housing Authority has been duly informed of your default.

Furthermore, you also failed to pay the company the amount due for the water and electricity consumption of the apartment which you are still making use of.

Therefore, by means of the present, by not later than fifteen (15) days from your notification of this judicial letter, you shall pay the company the rent due for the month of September and October of the year 2024 together with the amount due for the consumption of water and electricity in the property in question as well as liquidate any damages that the company is or may suffer. You are being informed that since you are not honouring your obligations, the residential lease agreement is being terminated and thus you shall vacate the property within fifteen (15) days from being notified of this judicial letter.

You should consider trhe present as the last notice. Failing to abide by the request herein made, the company shall have no other option other than proceeding against you, including by issuing the respective warrants against you.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes at law.

Tant sabiex tagħrfu timxu, tirregolaw ruħkom u b'hekk tevitaw spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much for your own guidance and to avoid further costs.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1060

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4622/2024, fl-ismijiet Neriku Limited vs Harmony Homes Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Harmony Homes Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 10 ta' Ottubru, 2024

Lil Harmony Homes Ltd (C104355) ta' Joscar Flats, Fl. 10, Triq il-Progress, Birżebbuġa BBG 2370

Permezz tal-preżenti, Neriku Limited (C7244) ta' Industrial Estate, Kordin, Paola PLA 3000, Malta, tinterpellak sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' dan l-att inti tersaq sabiex tħallas is-somma ta' €121,188.23 rappreżentanti bilanċ ta' somma ċerta, likwida u dovuta minnek għal prodotti u/jew servizzi debitament, provduti lilek mis-soċjetà mittenti fuq inkarigu u a benefiċċju tiegħek, hekk kif jidher fl-istatement datat 7 ta' Ottubru, 2024, hawn anness bħala Dok. A. Il-bilanċ surreferit li huwa dovut jirriżulta mill-ammonti pendenti li għad iridu jitħallsu indikati fil-fatturi li jġibu n-numru INV0000386204, INV0000386224, INV0000387068, INV0000387219, INV0000387458, INV0000387827, INV000388260, INV0000388433, inv0000389036, INV0000389644, INV0000389645, INV0000389646, INV0000390300, INV0000390864 u INV0000391076 hawn flimkien annessi u mmarkati bħala Dok. B. Dan flimkien mal-ispejjeż ta' din l-ittra uffiċjali u l-imgħaxijiet bir-rata legali sad-data tal-pagament effettiv.

Kun avżat illi fin-nuqqas tal-pagament effettiv tal-bilanċ dovut fit-terminu provdut, is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontrik bil-mezzi kollha li tagħtiha l-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni u proċeduri ġudizzjarji sabiex jitħallas id-debitu dovut minnek flimkien mal-ispejjeż legali u l-imgħaxijiet bir-rata legali sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

By means of a decree of the 27th January, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4672/2024, in the names Neriku Limited vs Harmony Homes Ltd, the following publication for the purpose of service on the respondent Harmony Homes Ltd was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 10th October, 2024

To Harmony Homes Ltd (C104355) of Joscar Flats, Fl. 10, Triq il-Progress, Birżebbuġa BBG 2370

By the present Neriku Limited (C7244) of Industrial Estate, Kordin, Paola PLA 3000, calls upon you so that within seven (7) days from the date of service of this act you come forward to pay the sum of €121,188.23 representing balance of a certain sum, liquidat and due by you for products and/or services duly provided to you by the interpellant company on your assignment and to your benefit, as shown in the statement dated 7th October, 2024, here attached as Doc. A. the balance above mentioned which is due results from the outstanding amounts still to be paid indicated in the invoices bearing number INV0000386204, INV0000386224, INV0000387068, INV0000387219, INV0000387458, INV0000387827, INV000388260, INV0000388433, INV0000389036, INV0000389644, INV0000389645, INV0000389646, INV0000390300, INV0000390864 and INV0000391076 hereby attached and marked as Doc. B. This together with the costs of this judicial letter and interest at the legal rate till the date of effective payment.

You are warned that in default of effective payment of the balance due within the time given, the interpellant company will proceed against you by all the means permitted by law including the issue of the opportune warrants and judicial procedures to pay the debt due by you together with legal costs and interest at the legal rate till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Notifika: Yiuldiz Senar (numru ta' residenza MT6617575) 7, Triq id-Dejqa, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs.

With costs

Notification: Yiuldiz Senar (Residence number MT6617575) 7, Triq id-Dejqa, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1061

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Marzu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 500/2025, fl-ismijiet Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma vs Island Resort Company Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Island Resort Company Limited (C10970) ta' Alexia Flats, Flat No. 4, Triq Andrew Cunningham, Qawra, fis-7 ta' Frar, 2025, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ta' Zentrum Business Centre, Level 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, qiegħed formalment jinnotifikat bl-ittra ufficjali 2803/2023 tas-27 ta' Settembru, 2023 (kopja hawn annessa mmarkata Dok. REWS1) liema ittra tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skont l-Artiolu 12 tal-Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta. Tinsab ukoll annessa ma' din l-ittra ufficjali, deċiżjoni maħruġa mir-Regolatur li ġiet debitament notifikata lis-soċjetà intimata li permezz tagħha ġiet konfermata d-deċiżjonit ar-Regolatur li tiġi imposta fuq is-soċjetà intimata l-multa amministrattiva (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. REWS2).

Fin-nuqqas li s-soċjetà intimata tersaq għall-ħlas tal-multa amministratttiva imposta fuqha ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' €8000 ir-Regolatur mittenti se jmexxi bil-mandati eżekuttivi opportuni fil-konfront tagħha.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th March, 2025, delivered by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 500/2025 in the names Regulator for Energy and Water Services vs Island Resort Company Limited, it was ordered that the following publication serves as service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Island Resort Company Limited (C10970) of Alexia Flats, Flat no 4, Triq Andrew Cunningham, Qawra, on the 7th February, 2025, Regulator for Energy and Water Services of Zentrum Business Centre, Level 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, is formally notifying you with the judicial letter number 2803/2023 of the 27th September, 2023 (copy hereby attached marked Doc. REWS1) which letter constitutes an executive title for all effects and purposes of Article 253 (a) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) of the Laws of Malta, and this according to Article 12 of Cap. 545 of the Laws of Malta. Attached with this judicial letter is a decision issued by the Regulator which was duly notified to the respondent company by means of which the decision of the Regulator to impose on the respondent company the administrative fine (legal copy hereby attached and marked Doc. REWS2) was confirmed.

In default that the respondent company proceeds for the payment of the administrative fine imposed on it in terms of Article 12 (2) of Cap. 545 of the Laws of Malta in the amount of €8000 the interpellant Regulator shall proceed with the opportune executive warrants against it.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1062

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2024, fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3016/2024, fl-ismijiet Spiridione Caruana et vs Rosianne Grech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rosianne Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Rosianne Grech ta' Manhattan, Flat 2, Triq il-Magħluq, Marsaskala, fl-1 ta' Lulju, 2024, Spiridione u Stephanie Caurna (KI 3368M) u 222666M rispettivament) jagħmlu referenza għall-bejt sovrapost il-proprjetà tagħhom u għax-xogħljiet li inti wettaqt riċentament fuq dan il-bejt, u jinterpellawk sabiex entro sebat (7) ijiem min-notifika ta' din l-ittra int tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali biex is-servizzi jittreġġgħu lura fl-istat preċedenti tagħhom.

Kun avżata li fin-nuqqas li tottempera ruħek mat-terminu hawn mogħti lilek, huma se jżommuk responsabbli għal kwalunkwe ħsara li se jsofru b'riżultat tal-aġir abbużiv u illegali tiegħek. Inoltre javżawk li f'każ illi tonqos milli twettaq dawn ix-xogħlijiet rimedjali, huma se jieħdu passi ulterjuri fil-konfront tiegħek sabiex tiġi ordnata twettaq tali xogħlijiet taħt l-awtorità tal-Qorti u dan kollu a spejjeż tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola l-pożizzjoni tiegħek.

Din l-intimazzjoni qiegħda ssir b'riżerva għad-drittijiet kollha spettanti lill-mittenti fil-konfront tiegħek għal dawk l-istrutturi illegali u mingħajr permess li inti tellajt fuq dan l-istess bejt.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola l-pożizzjoni tiegħek.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat ai finijiet inkluż iżda mhux limitatament tal-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree on the 9th September, 2024, in the records of the judicial letter number 3016/2024, in the names Spiridione Caruana et vs Rosianne Grech the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Rosianne Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Rosianne Grech of Manhattan, Flat 2, Triq il-Magħluq, Marsaskala on the 1st July, 2024, Spiridione and Stephanie Caruana (ID 3368M and 222666M respectively) make reference to the roof overlying their property and for the works you carried out recently on this roof, and solicit you so that within seven (7) days from the service of this letter you carry out all those remedial works so that the services are returned to their previous state.

Be warned that in default of complying with the time given to you, they will hold you responsible for any damage they will suffer as a result of your abusive and illegal act. Furthermore, they warn you that in case you fail to carry out these remedial works, they shall take further steps against you so that you be ordered to carry out these works under the authority of the Court and all this at your expense.

So much so that you may know how to proceed and regulate your position.

This calling is being made reserving all the rights due to the interpellant against you for those illegal structures and without permission that you raised on the same roof.

So much so that you may know how to proceed and regulate your position.

This letter is being sent for the purposes including but not limitedly Article 2128 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1063

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April, 2025, fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5298/2024, fl-ismijiet GasanZammit Motors Limited vs Mario Aber, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Aber a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree on the 11th April, 2025, in the records of the judicial letter number 5298/2024, in the names GasanZammit Motors Limited vs Mario Aber et the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Mario Aber in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Mario Aber (KI 107079M) ta' Picotto Garage, 90, Triq Sant'Anġlu, Iż-Żejtun, fil-15 ta' Novembru, 2024, GasanZammit Motors Limited (C57642) ta' Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Birkirkara:

1. Tagħmel referenza għall-ammont ta' €19,220 fuq kambjali minnek debitament aċċettati u elenkati fid-dokument anness u mmarkat GZM 1 u liema ammont huwa skadut u mhux imħallas (kopja tal-kambjali hawn annessa u mmarkata bħala dokument GZM 2) oltre l-imgħax mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv; u

2. Tinterpellak sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika lilek tal-preżenti, tħallas is-somma ta' €19,220 rappreżentanti pendenzi fuq il-kambjali indikati oltre l-imgħax minnek dovut mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas, is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontrik ulterjorment, mingħajr ebda preavviż ieħor u bil-mezzi kollha permessi mil-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni.

Din l-intima qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u sabiex l-imsemmija kambjali jiġu reżi eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-preżenti, int qiegħed tiġi avżat a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt tiegħek li fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-preżenti, tramite rikors, topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali hawn fuq imsemmija a bażi tal-fatt li l-firem fuq l-istess ma jappartjenux lilek jew lill-mandatarju tiegħek jew għal raġunijiet oħra gravi u validi sabiex topponi tali esekuzzjoni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Mario Aber (ID 107079M) of Picotto Garage, 90, Triq Sant'Anġlu, Żejtun, on the 15th November, 2024, GasanZammit Motors Limited (C57642) of Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Mrieħel:

1. Makes reference to the amount of €19,220 on bills of exchange duly accepted by you and listed in the attached list as GZM 1, and which amount is due and has not been paid (copies of these bills of exchange are herewith attached and marked as document GZM 2) together with interest from the date when the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effective payment; and

2. Solicits you so that within ten (10) days from the day you are notified with this present, you pay the sum of €19,220 representing the balance on the said bills of exchange besides the interest due by you from the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effective payment.

In default the interpellant company will furtherly proceed against you, without further notice, and with all the means given by law including the issue of the opportune warrants.

This letter is being made for all the purposes and effects of law and to render the same bills of exchange an executive title in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of this present, you are informed, that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange above mentioned on the fact that the signatures on the same do not belong to your or those of your mandatory or for other grave and valid reasons to oppose such execution according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs, including this present, and with interest according to law till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1064

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 85/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Francesco Bono et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Francesco Bono u Stefano Sebastiano Maria Pavone a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 26th March, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 85/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Francesco Bono et, the following publication for the purpose of service on the respondent Francesco Bono and Stefano Sebastiano Maria Pavone was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 9 ta' Jannar, 2025

Lil Francesco Bono (KI 0070692A) ta 35, Tudor Court, Flat 6, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà u Stefano Sebastiano Maria Pavone (KI 0070691A) ta' 88A, Isabella Flats, Flat 2, Xatt l-Imsida, L-Imsida.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €360,803.18 rappreżentanti ammont dovut minnkom, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th January, 2025

To Francesco Bono (ID 0070692A) of 35, Tudor Court, Flat 6, Triq Pietru Xuereb, Tal-Pietà, and Stefano Sebastiano Maria Pavone (ID 0070691A) of 88A, Isabella Flats, Flat 2, Xatt l-Imsida, Msida

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €360,803.18 representing amount due by you as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1065

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-13 ta' Marzu 2025, fl-atti tar-Rikors numru 186/23 fl-ismijiet Thomas Cortis (ID 601658M) u martu Anna Cortis (ID 446066M) vs Neville Spiteri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Neville Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 186/23 ippreżentat fil-5 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Thomas Cortis (KI 601658M) u martu Anna Cortis (KI 446066M) jiddikjaraw li ma għandhomx mezzi u assi biex iħallsu l-kawtela mgħarrfa lilhom skont l-Avviż taħt l-Artikolu 249 tal-Kap. 12, u dan ukoll skont id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata mar-rikors odjern.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 13th March 2025, in the records of Application Number 186/23 in the names Thomas Cortis (ID 601658M) and his wife Anna Cortis (ID 446066M) vs Neville Spiteri, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Neville Spiteri in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by means of an application in the records of Appeal Application number 186/23 filed on the 5th January, 2025, the applicants Thomas Cortis (ID 601658M) and his wife Anna Cortis (ID 446066M) declare that they do not have the means and assets to pay the security notified to them according to the Notice under section 249 of Cap 12, and this also according to all the documentation filed with the present application.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tammetti l-appellanti għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament a tenur tal-Artikolu 250 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta Malta u taħt il-provvedimenti li jidhriha xierqa u opportuni.

Ir-Rikors numru 186/23 fl-ismijiet Thomas Cortis (KI 601658M) u martu Anna Cortis (KI 446066M) vs Neville Spiteri jinsab differit għas-smigħ għat-8 ta' Mejju, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika: Neville Spiteri, 108, Triq il-Kannizzata, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 22 ta' April, 2025

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the applicants humbly request that this Honourable Court admits the appellants to the benefit of the juratory caution in terms of Article 250 of Cap. 12 of the Laws of Malta and under the provisions it deems fit and opportune.

Application number 186/23 in the names Thomas Cortis (ID 601658M) and his wife Anna Cortis (ID 446066M) vs Neville Spiteri has been deferred for hearing to the 8th May, 2025, at 9.30 a.m.

Notification: Neville Spiteri, 108, Triq il-Kannizzata, Ħal Balzan

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 22nd April, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1066

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-16 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 1007/2021 fl-ismijiet Philip Agius (KI 284543M) et vs Riccardo Franco Schembri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Riccardo Franco Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1007/2021 ippreżentat fl-10 ta' Jannar, 2025, fl-ismijiet premessi l-atturi appellanti Philip Agius u Julie Agius (KI 471353M) ħassewhom aggravati bis-sentenza tat-8 ta' Marzu, 2024, inkwantu l-ewwel qorti laqgħet biss inparte t-talba tagħhom għaliex għamlet apprezzament manifestament żbaljat tal-fatti u l-provi meta rreduċiet is-somma ta' €12,000.65 mill-krettu dovut u rreklamant mill-appellanti.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitolbu r-riforma tas-sentenza appellata tat-8 ta' Marzu, 2024, billi din il-qorti tal-appell tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn astjeniet mill-ewwel talba u laqgħet it-tieni talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut iżda tħassarha u tirrevokaha fejn ma laqgħetx it-talba attriċi fl-intier tagħha u għaldaqstant tikkundanna lill-appellat konvenut is-somma ta' €31,416.50 bl-imgħax dekoribbli mis-26 ta' Lulju, 2021, sad-data tal-pagament effetti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Notifika: Riccardo Franco Schembri, 36 Chez l'Amour, Triq il-Labour, Iż-Żejtun

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' April, 2025

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 16th January, 2025, in the records of Application Number 1007/2021 in the names Philip Agius (ID 284543M) et vs Riccardo Franco Schembri, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Riccardo Franco Schembri in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 1007/2021 filed on the 10th January, 2025, in the names premised the appellant plaintiffs Philip Agius and Julie Agius (ID 471353M) felt aggrieved by the judgment of the 8th March, 2024, in so far as the Court of First Instance upheld only in part their claim since it made a manifestly wrong appreciation of the facts and evidence when it deducted the sum of €12,000.65 from the credit due to and claimed by the appellants.

Therefore, the appellants are asking for the appealed judgment of the 8th March, 2024, to be reformed by this Court of Appeal by confirming it in that part where it abstained from the first claim and upheld the second claim with costs against the defendant but cancelling it and revoking it where it dismissed the plaintiffs' claim in its entirety and thus it shall condemn the respondent defendant to pay the sum of €31,416.50 with interest accruing from the 26th July, 2021, till the date of effective payment. With costs against the defendant.

Notification: Riccardo Franco Schembri, 36 Chez l'Amour, Triq il-Labour, Żejtun

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 24th April, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1067

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-13 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 649/16 fl-ismijiet Silvana Abela, Mario Borg u Carmelina Sultana vs Publius Bartolo u permezz ta' digriet datat 2 ta' Diċembru, 2021, l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Rosaria sive Mary Rose Bartolo stante li l-intimat miet tal-mori tal-kawża, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Rose Bartolo u Kenneth Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Risposta tal-Appell u Appell Inċidentali numru 649/16 ippreżentati fil-25 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet premessi Silvana Abela (KI 699259M), Mario Borg (KI 303561MT) u Carmelina Sultana (KI 615269M) jissottomettu li l-appell interpost mill-konvenuta huwa infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u għalhekk għandu jiġi interament miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha. Inoltre l-atturi qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-appell prinċipali interpost mill-konvenuta sabiex huma stess jappellaw inċidentalment mid-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza fit-30 ta' Diċembru, 2019.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja r-riġett tal-appell prinċipali interpost mill-konvenuta u l-konferma tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet 'Silvana Abela, Mario Borg u Carmelina Sultana vs Publius Bartolo' u tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2023, fl-ismijiet 'Silvana Abela, Mario Borg u Carmelina Sultana vs Publius Bartolo u permezz ta' digriet datat 2 ta' Diċembru, 2021, l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Rosaria sive Mary Rose Bartolo stante li l-intimat miet fil-mori tal-kawża', it-tnejn mill- Prim'Awla tal-Qorti, tgħaddi biex tirrevoka, tħassar u tikkanċella d-digriet mogħti mill-istess Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Diċembru, 2021, u minflok tgħaddi biex, wara li tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Novembru, 2019, tisfilza l-affidavit ta' Dott. Joseph Brincat u kull konsegwenzjali xiehda in kontroeżami, u dan kollu bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellanti.

Notifika: Aurora, Triq il-Konvoj ta' Santa Maria, Il-Kalkara

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' April, 2025

DOTT. F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 13th February, 2025, in the records of Application Number 649/16 in the names Silvana Abela. Mario Borg and Carmelina Sultana vs Publius Bartolo and by means of a decree dated 2nd December, 2021, the records were transferred onto the name of Maria Rosaria sive Mary Rose Bartolo since the respondent died during the proceedings, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Mary Rose Bartolo and Kenneth Bartolo in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by means of the Reply to the Appeal and Cross-Appeal number 649/16 filed on the 25th July, 2023, in the names premised, Silvana Abela (ID 699259M), Mario Borg (ID 303561MT) and Carmelina Sultana (ID 615269M) submit that the appeal filed by the defendant is unfounded both in fact and at law, and thus is to be dismissed in its entirety with costs against them. Furthermore the exponents are availing themselves of the principal appeal filed by the defendant so that they themselves file a cross-appeal against the decree given by the Honourable Court of First Instance on the 30th December, 2019.

Therefore, the applicants ask this Honourable Court, saving the dismissal of the principal appeal filed by the defendant and the confirmation of the judgment given on the 30th October, 2018, in the names 'Silvana Abela, Mario Borg and Carmelina Sultana vs Publius Bartolo' and of the judgment given on the 30th May 2023 in the names 'Silvana Abela, Mario Borg and Carmelina Sultana vs Publius Bartolo and by decree dated 2nd December, 2021, the acts were transferred onto the name of Maria Rosaria sive Mary Rose Bartolo since the respondent died during the proceedings', both by the First Hall Civil Court, this court shall proceed to revoke, annul and cancel the decree given by the same Honourable First Hall Civil Court on the 30th December, 2021, and instead proceed to, after dismissing the claim contained in the defendant's application of the 29th November, 2019, remove from the records of the proceedings the affidavit by Dr Joseph Brincat and any consequential evidence in cross-examination, and all this with all the costs of both instances against the defendant appellant.

Notification: Aurora, Triq il-Konvoj ta' Santa Maria, Kalkara

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 24th April, 2025

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1068

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3050/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Viktoria Szepesi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Viktoria Szepesi (KI 104226A) ta' 44, Flat 1, Triq Loepanto, Marsaxlokk MXK 1826, fl-4 ta' Settembru, 2024, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €1,716 kwantu għal €1,271 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2015, 2016 u 2018 u kwantu għal €445 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th December, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 3050/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Viktoria Szepesi, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Viktoria Szepesi (ID 104226A) of 44, Flat 1, Triq Lepanto, Marsaxlokk MXK 1826, on the 4th September, 2024, the Commissioner for Tax and Customs of Adminisitration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €1,716, as for the amount of €1,271 representing the tax from the income or provisional tax for the years of assessment 2015, 2016 and 2018 and as for the amount of €445 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1069

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3079/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Pierre Colin, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Pierre Colin (T.P. numru 668725630) ta' 14, Flat 4, Triq il-Creche, Tas-Sliema SLM 1943, Malta, fl-4 ta' Settembru, 2024, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €999 kwantu għal €718 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2014, 2015 u 2016 u kwantu għal €281 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

By means of a decree of the 5th Diċembru, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 3079/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Pierre Colin, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Pierre Colin (T.P. number 668725630) of 14, Flat 4, Triq il-Creche, Tas-Sliema SLM 1943, Malta on the 4th September, 2024, the Commissioner for Tax and Customs of Adminisitration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €999, as for the amount of €718 representing the tax from the income or provisional tax for the years of assessment 2014, 2015 and 2016 and as for the amount of €281 as additional tax and interest according to the notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1070

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Settembru, 2024, fl-atti tal-protest numru 41/2024, fl-ismijiet BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc vs Express Logigroup Ltd et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Moderate Ltd, Jonathan Vella u Maronya Vella.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum l-1 ta' Frar, 2024

BNF Bank Ltd ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) vs Express Logigroup Ltd (C58205); Moderate Ltd (C17484); Jonathan Vella (KI 331175M); Maronya Vella (KI 152576M); Anthony Mizzi (KI 779854M) u Carmela Mizzi (KI 626356M)

Protest ta' BNF Bank plc gia Banif Bank (Malta) plc ai termini tal-artikolu 2072 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-Bank protestant ta lill-protestati Express Logigroup Ltd diversi faċilitajiet ta' self, li l-ħlas lura tagħhom ġie kkawtelat permezz ta' diversi Ipoteki, li lkoll jorbtu, oltre proprjetajiet oħra l-proprjetà segwenti appartenenti lil protestata Moderate Ltd, senjatament il-warehouse industrijali, mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem, liema warehouse ġiet mibnija fuq il-plott ossija art fabbrikabbli magħrufa bħala Ta' Wied it-Tiġieġ, indikata l-istess art bħala plott numru 67 u liema warehouse hija aċċessibbli minn aċċess privat u indipendenti tagħha li jagħti għal fuq Triq John Michael Testa ġja triq ġdida mingħajr isem li tagħti għal Tal-Ħandaq Road. Din il-warehouse tikkonfina mix-Xlokk mal-imsemmija triq mil-Lbiċ mal-plott numru 66 tal-istess żona u mill-Grigal mal-plott numru 68 tal-istess żona, kollha proprjetà ta' Tal-Ħandaq Developments Limited jew

By means of a decree of the 13th September, 2024, in the records of the protest number 41/2024, in the names BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc vs Express Logigroup Ltd et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on Moderate Ltd, Jonathan Vella and Maronya Vella.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th February, 2024

BNF Bank Ltd previously Banif Bank (Malta) plc (C41030) vs Express Logigroup Ltd (C58205); Moderate Ltd (C17484); Jonathan Vella (ID 331175M); Maronya Vella (ID 152576M); Anthony Mizzi (ID 779854M) and Carmela Mizzi (ID 626356M)

Judicial Protest of BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc in terms of article 2072 Cap. 16 of the Laws of Malta.

Respectfully submits:

1. That the protesting Bank granted to the respondents Express Logigroup Ltd various loan facilities, the repayment of which was secured by various hypothecs, which all bind, besides other properties the following property belonging to the respondent Moderate Ltd, namely the industrial warehouse, without official number and without name, which warehouse was built on the plot or rather developable land known as Ta' Wied it-Tiġieġ, indicated the same land as plot number 67 and which warehouse is accessible from its private and independent access leading to Triq John Michael Testa previously a new unnamed road leading to Tal-Ħandaq Road. This warehouse is bounded on the southeast by the said street from the southwest with plot number 66 of the same zone and on the northeast by Plot number 68 of the same zone, all owned by Tal-Ħandaq Developments

aventi kawża minnha jew irjieħ verjuri. Din il-warehouse kif deskritta qiegħda minn hawn 'il quddiem tissejjaħ il-Fond;

2. Illi b'mod speċifiku l-Ipoteki hawn fuq imsemmija li kopja tagħhom qiegħda tiġi hawn annessa, huma s-segwenti:

a) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali (Iskrizzjoni numru 7917/2013) għall-ammont ta' €210,000 kontra Express Logigroup Ltd bħala debitriċi prinċipali u Jonathan Vella, Maronya Vella u Moderate Ltd bħala garanti solidali flimkien u mad-debtiriċi prinċipali minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien id-Debituri (ara Dok. A), u

b) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali (Iskrizzjoni numru 7918/2013) għall-ammont ta' €80,000 kontra d-Debituri (ara Dok. B), u

c) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali (Iskrizzjoni numru 18080/2013) għall-ammont a' €60,000 kontra d-Debituri (ara Dok. C), u

d) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali (Iskrizzjoni numru 18081/2013 għall-ammont a' €230,000 kontra d-Debituri (ara Dok. D);

3. Illi l-protestati Express Logigroup Ltd naqsu milli jħallsu s-self u minkejja l-interpellanzi kollha, id-Debituri baqgħu wkoll ma ħallsux, tant li l-Bank protestant kellu jipproċedi b'kawża biex iħares l-interessi tiegħu;

4. Illi sussegwentement in forza ta' sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru, 2017, minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Banif Bank (Malta) plc (C41030) u skont digriet datat 9 ta' Novembru, 2017, l-isem ġie mibdul f'BNF Bank plc vs Express Logigroup Ltd (C58205) bħala l-kumpanija debitriċi prinċipali u Moderate Ltd (C17484) bħala garanti in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali (rikors ġuramentat numru 569/2017TA – l-Imħallef Dott. Toni Abela) (Dok. E) liema sentenza issa għaddiet in ġudikat, din l-istess Qorti ddeċiediet il-kawża kif gej:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tan-nota ta' ammissjoni fuq imsemmija,

Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikajara li l-konvenuti huma solidalment bejniethom, debituri tal-Bank attur u ċoè l-kumpanija attriċi fl-ammont ta' €546,034.71,

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank atturi u ċoè lill-kumpanija attriċi l-ammont komplessiv ta' €546,034.71,

Bl-imgħaxijiet kif mitluba, mis-27 ta' April, 2017, sal-pagament effettiv. Is-soċjetajiet konvenuti huma wkoll

Limited or successors in title or more precise boundaries. This warehouse as described hereafter is referred to as the 'Premises';

2. More specifically, the hypothecs above mentioned, a copy of which is here attached, are the following:

a) General hypothec and special hypothec (Registration number 7917/2013) for the amount of €210,000 against Express Logigroup Ltd as principal debtor and Jonathan Vella, Maronya Vella and Moderate Ltd as sureties in solidum together with the principal debtor hereinafter referred to together as the 'Debtors' (see Doc. A), and

b) General hypothec and special hypothec (Registration number 7918/2013) for the amount of €80,000 against the Debtors (see Doc. B), and

c) General hypothec and special hypothec (Registration number 18080/2013) for the amount of €60,000 against the Debtors (see Doc. C), and

d) General hypothec and special hypothec (Registration number 18081/2013) for the amount of €230,000 against the Debtors (see Doc. D);

3. That the respondent Express Logigroup Ltd failed to pay the loan and despite all the demands to pay, the Debtors also failed to pay, so much so that the applicant Bank had to initiate proceedings to protect its interests;

4. That subsequently in virtue of a judgement given on the 9th November, 2017, by this Honourable Court in the names Banif Bank (Malta) plc (C41030) and according to a decree dated 9th November 2017 the name was changed to BNF Bank plc vs Express Logigroup Ltd (C58205) as the principal debtor company and Moderate Ltd (C17484) as surety in solidum with the principal debtor company (Sworn application number 569/2017TA – Judge Dr Toni Abela) (Doc. E) which judgement is now final, this same Court decided the cause as follows:

Abstain from taking cognizance of the first request in the light of the abovementioned note of admission of the demands,

Uphold the second demand of the applicants and declare that the defendants are in solidum between them debtors of the applicant Bank and namely the applicant company in the amount of €546,034.71,

Uphold the third demand and condemn the defendants in solidum between them to pay the applicant Bank and namely the applicant company the total amount of €546,034.71,

With interest as demanded, from the 27th April, 2017, till the effective payment. The defendant companies are also

obbligati li jħallsu l-bank charges u fees lill-bank attur u ċoè lill-kumpanija attriċi. Spejjeż tal-kawża a karigu tas-soċjetajiet konvenuti;

5. Illi d-dejn kif kanonizzat mis-sentenza fuq imsemmija, għad ma tħallas xejn lura;

6. Illi d-dejn kif ikkawtelat bl-Ipoteki msemmija aktar 'il fuq, baqa' jakkumola u l-Bank protestant preżentement għandu jieħu s-somma globali ta' €960,720.78, bl-imgħaxijiet u l-ispejjeż inklużi u maħduma sas-7 ta' Jannar, 2024, u dan mingħajr preġudizzju għal imgħaxijiet u spejjeż ulterjuri li għad isiru dovuti sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi in forza ta' kuntratt ta' bejgħ datat 11 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tan-Nutar Dr Dorian Sciberras, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kuntratt (Ara Dok. F) , il-protestata Moderate Ltd, biegħet assenjat u trasferiet lill-protestati l-oħra Anthony Mizzi u Carmela Mizzi, minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħin it-Terzi, il-Fond li kif ġja ngħad qed jiggarantixxi s-self mogħti u kwindi d-dejn;

8. Illi peremzz tal-kuntratt, il-vendituri Moderate Ltd addirittura ggarantew favur it-Terzi li l-Fond hu ħieles fost l-oħrajn minn kull litigazzjoni, Ipoteka, Privileġġ jew piż jew dejn ieħor dan nonostante li l-Ipoteki kollha fuq imsemmija għadhom sal-lum jiggravaw l-istess Fond li llum jinsab fil-pussess tat-Terzi.

Għaldaqstnat, il-Bank protestant BNF Bank plc filwaqt li jġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestati kollha, qiegħed formalment jinterpella lid-Debituri, sabiex iħallsu d-dejn tagħhom mal-istess Bank protestant, li jammonta għas-somma ta' €960,720.78 oltre mgħaxijiet u spejjeż oħra li jinsorgu wara s-17 ta' Jannar, 2024, kif fuq spjegat u qiegħed formalment jinterpella lill-protestati l-opra, it-Terzi, sabiex iħallsu l-istess dejn fis-somma msemmija inkella jitilqu l-Fond, u dan filwaqt li jżomm lill-protestati kollha responsabbli għad-danni li għad jista' jsofri f'każ li dan ma jsirx u jqegħidhom f'dolo, mora u culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż

Protestant: BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc 203, Level 2, Triq D'Argens, Il-Gżira

Notifika: Moderate Ltd Santa Marija, Triq P. Brydone, In-Naxxar

Jonathan Vella, Santa Marija, Triq P. Brydone, In-Naxxar

Maronya Vella, Santa Marija, Triq P. Brydone, In-Naxxar

obliged to pay bank charges and fees to the applicant bank and namely to the applicant company. Costs of the cause to be borne by the defendant companies;

5. That the debt as declared to be due in terms of the judgement above mentioned, has not yet been repaid;

6. That the debt as secured by the hypothecs mentioned above, continued to increase and the applicant Bank presently is owed the global sum of €960,720.78, with interests and costs included and computed till the 7th January, 2024, and this without prejudice to further interests and costs which are still due till the date of effective payment;

7. That in virtue of a contract of sale dated 11th December, 2023, in the records of Notary Dr Dorian Sciberras, hereinafter referred to as the contract (See Doc. F), the respondent Moderate Ltd, sold assigned and transferred to the other respondents Anthony Mizzi and Carmela Mizzi, hereinafter together referred to as 'Third Parties', the Premises which as already stated above, is securing the repayment of the loan given and thus the debt;

8. That by means of a contract, the vendors Moderate Ltd in addition guaranteed in favour of the Third Parties warranted that the Premises are free amongst others from any litigation, hypothecs, privileges or burdens or any other debt this notwithstanding that all the hypothecs above mentioned are till today still burdening the same Premises which today is in the possession of the Third Parties.

Thus, the applicant Bank BNF Bank plc whilst bringing the above to the formal notice of all the respondents, is formally calling upon the Debtors, to pay their debt due to the same applicant Bank, which amounts to the sum of €960,720.78 besides interest and other expenses incurred after the 17th January, 2024, as above explained and is formally calling upon the other respondents, the Third Parties, to pay the same debt in the said sum or vacate the Premises, and this whilst holding all the respondents liable for the damages they may suffer in case this is not done and place them on formal notice for all intents and purposes of law.

With costs

Applicant: BNF Bank plc formerly Banif Bank (Malta) plc 203, Level 2, Triq D'Argens, Gżira

Service: Moderate Ltd Santa Marija, Triq P. Brydone, Naxxar

Jonathan Vella, Santa Marija, Triq P. Brydone, Naxxar

Maronya Vella, Santa Marija, Triq P. Brydone, Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 25th April. 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1071

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3457/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Alexander Marcar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alexander Marcar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 21 ta' Novembru, 2023

Lil Alexander Marcar (KI 39858A) ta' 35, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €3,606.36, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000029738 ossija dwar il-fond bl-indirizz 35, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 2nd February, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3457/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Alexander Marcar, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Marcar in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 21st November, 2023

To Alexander Marcar (ID 39858A) of 35, Triq l-Ordinanza, Valletta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €3,606.36 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 101000029738 regarding the premises with address 35, Triq l-Ordinanza, Valletta.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1072

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' Jannar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2607/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Jennifer Chetcuti, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jennifer Chetcuti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Awwissu, 2023

Lil Jennifer Chetcuti (KI 133868M) ta' 4, Sinjos, Triq Guliermu, Bormla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €5,504.97, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000177473 ossija dwar il-fond bl-indirizz 4, Triq Guliermu, Bormla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 25 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd January, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2607/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Jennifer Chetcuti, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jennifer Chetcuti in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th August 2023

To Jennifer Chetcuti (ID 133868M) of 4, Sinjos, Triq Guliermu, Cospicua

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €5,504.97 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 411000177473 regarding the premises with address 4, Triq Guliermu, Cospicua.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 25th April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1073

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1101/2024, fl-ismijiet: Dott. Philip Manduca noe vs Isabella Caruana, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dott. Philip Manduca (339960M) noe vs Isabella Caruana (162560M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-bejgħ tad-dar Carmel, Ix-Xatt ta' San Ġorġ, Birżebbuġa, deskritta aħjar fil-konvenju tad-19 ta' Settembru, 2024, u taħt il-kundizzjonijiet u pattijiet hemmhekk miftiehma, u/jew taħt il-kundizzjonijet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-Rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali ta' kuljum;

3. Tinnomina lin-Nutar Pierre Cassar jew nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u jagħmel kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja jew aċċessorja;

4. Tistabbilixxi jum, ħin u lok għal pubblikazzjoni tal-att notarili opportun;

5. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċja fuq l-att tal-bejgħ u/jew fuq kwalunkwe att u/jew applikazzjoni oħra neċessarja;

6. Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni skont iċ-ċirkostanzi.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1101/2024 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Mejju, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Isabella Caruana (162560M), 28, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th of March, 2025, in the records of Sworn Application number 1101/2024, in the names: Dr Philip Manduca noe vs Isabella Caruana, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dr Philip Manduca (339960M) noe vs Isabella Caruana (162560M) presented in the Civil Court, First Hall on the 15th of October, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the sale of the house, Carmel, Ix-Xatt ta' San Ġorġ, Birżebbuġa, better described in the agreement of 19 September 2024, and under the terms and conditions agreed therein, and/or under such conditions as the Honourable Court may deem fit to impose;

2. Order the Registrar of the Court to publish a copy of the Application in the Government Gazette and a local daily newspaper;

3. Nominate Notary Pierre Cassar or another notary to publish the appropriate deed of transfer and to make any other necessary or accessory deed and/or application;

4. Establish a day, time and place for publication of the appropriate notarial deed;

5. Appoint deputy curators to represent any default on the deed of sale and/or on any other necessary deed and/or application;

6. Give such orders as are deemed necessary and appropriate in the circumstances.

The Sworn Application number 1101/2024 in the above-mentioned names is adjourned to the 19th of May, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondents: Isabella Caruana (162560M), 28, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1074

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis- 26 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 828/24GG, fl-ismijiet: Mario Cailleri et vs API Contractors Limited et,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th of February, 2025, in the records of Sworn Application number 828/24GG, in the names: Mario Cailleri

ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mario Camilleri (412068M) et vs API Contractors Limited (C85752) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjetà intimata waqfet milli twettaq l-iżvilupp u x-xogħlijiet fil-proprjetà tar-rikorrenti u abbandunat is-sit mingħajr raġuni valida riżultanti mill-kuntratt bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022;

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li għalkemm debitament interpellata ai termini tal-kuntratt, is-soċjetà intimata naqset milli tkompli bl-iżvilupp u t-tlestija tax-xogħlijiet fil-proprjetà tar-rikorrenti fit-terminu mogħti ai termini tal-kuntratt bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, kif estiż;

3. Konsegwentement, tiddeċiedi u tiddikjara li l-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, hu tterminat, mingħajr ebda dannu fil-konfront tal-istess rikorrenti, b'dan li kull xogħol u żvilupp imwettaq mis-soċjetà intimata fil-proprjetà tar-rikorrenti jkun a favur u għall-vantaġġ sħiħ tar-rikorrenti mingħajr ebda dritt ta' ħlas, danni, rimborż jew kumpens a favur is-soċjetà intimata jew l-intimat Antoine Portelli;

4. Konsegwentement ukoll, tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għall-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha neċessarji u meħtieġa sabiex ir-rikorrenti jlestu u jitterminaw ix-xogħlijiet mertu tal-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, liema xogħlijiet kellhom jitwettqu mill-intimati jew min minnhom ai termini tal-istess kuntratt, iżda ma tlestewx u ma ġewx kompletati;

5. Tiddetermina, tiddeċiedi u tiddikjara, occorrendo permezz ta' periti nominandi, liema huma dawk ix-xogħlijiet mertu tal-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, li ma ġewx imwettqa u kompletati daparti tal-intimati jew min minnhom;

6. Tillikwida, occorrendo permezz ta' periti nominandi, l-ispejjeż u l-ħlasijiet meħtieġa għat-tlestija u kompletar tax-xogħlijiet mertu tal-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, liema xogħlijiet kellhom jitwettqu mill-intimati jew min minnhom ai termini tal-istess kuntratt, iżda ma tlestewx u ma ġewx kompletati;

et vs API Contractors Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Mario Camilleri (412068M) et vs API Contractors Limited (C85752) et presented in the Civil Court, First Hall, on the 26th of July, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Decide and declare that the respondent company has ceased to carry out the development and works on the applicant's property and abandoned the site without valid reason arising from the contract between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022;

2. Decide and declare that although duly summoned in terms of the contract, the respondent company has failed to continue with the development and completion of the works on the applicant's property within the term given in terms of the contract between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022, as extended;

3. Consequently, it decides and declares that the contract in question between the parties dated the twenty-third (23) of Augus,t 2022, is terminated, without any damage to the same applicant, with this that any work and development carried out by the respondent company on the applicant's property shall be in favour and for the full benefit of the applicant without any right of payment, damages, reimbursement or compensation in favour of the respondent company or the respondent Antoine Portelli;

4. Consequently, also decide and declare that the respondents or any of them are responsible for all costs and payments necessary and required for the applicants to complete and terminate the works under the contract in question between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022, which works were to be carried out by the respondents or any of them under the terms of the same contract, but were not completed and have not been completed;

5. Determine, decide and declare, if necessary through appointed experts, which are those works under the contract in question between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022, that have not been carried out and completed by the respondents or any of them;

6. Liquidate, if necessary through appointed architects, the costs and payments necessary for the completion and completion of the works pursuant to the contract in question between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022, which works were to be carried out by the respondents or one of them under the terms of the same contract, but were not completed and have not been completed;

7. Konsegwentement, tikkundanna u tordna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat rappreżentanti l-ispejjeż u l-ħlasijiet meħtieġa għat-tlestija u kompletar tax-xogħlijiet mertu tal-kuntratt inkwistjoni bejn il-partijiet datat it-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu, 2022, liema xogħlijiet kellhom jitwettqu mill-intimati jew min minnhom ai termini tal-istess kuntratt, iżda ma tlestewx u ma ġewx kompletati u dan bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 828/24GG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Ġunju, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: API Contractors Limited (C85752), 91, Triq Ħal Qormi, Il-Ħamrun
Antoine Portelli (301086M), 91, Triq Ħal Qormi, Il-Ħamrun

Rikorrenti: Mario Camilleri (412068M), 30, Amiga, Triq Richard Taylor, L-Iklin
Monica Camilleri (115969M), 30, Amiga, Triq Richard Taylor, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

7. Consequently, condemn and order the respondents, or one of them, to pay the applicant the amount thus liquidated representing the costs and payments necessary for the completion and completion of the works under the contract in question between the parties dated the twenty-third (23) of August, 2022, which works were to be carried out by the respondents or one of them under the terms of the same contract, but were not completed and have not been completed, with interest until the date of effective payment.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application number 828/24GG in the above-mentioned names is adjourned to the 17th of June, 2025, at 9.00 a.m.

Notify Respondents: API Contractors Limited (C85752), 91, Triq Ħal Qormi, Ħamrun
Antoine Portelli (301086M), 91, Triq Ħal Qormi, Ħamrun

Applicants: Mario Camilleri (412068M), 30, Amiga, Triq Richard Taylor, Iklin
Monica Camilleri (115969M), 30, Amiga, Triq Richard Taylor, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1075

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1387/24FDP, fl-ismijiet: Andre Karl Camilleri vs Artelegno Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Andre Karl Camilleri (164087M) vs Artelegno Limited (C56767) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta naqset serjament fl-esekuzzjoni tad-doveri tagħha meta esegwiet biss parti mill-inkarigu tagħha u liema nkarigu naqset li tesegwixxih b'diliġenza, sengħa u arti kif ukoll b'attenzjoni minnha mistennija;

2. Tiddikjara li minħabba l-aġir tas-soċjetà konvenuta su indikat l-istess soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti u kkaġunati lill-attur;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th of February, 2025, in the records of Sworn Application number 1387/24FDP, in the names: Andre Karl Camilleri vs Artelegno Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Andre Karl Camilleri (164087M) vs Artelegno Limited (C56767) presented in the Civil Court, First Hall, on the 20th of December, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the defendant company has seriously failed in the execution of its duties when it only carried out part of its assignment and which assignment it failed to carry out with the diligence, skill and art as well as with the care expected of it;

2. Declare that due to the conduct of the defendant company as indicated, the same defendant company is liable for the damages suffered and caused to the plaintiff;

3. Konsegwentement, tordna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi lura s-somma ta' tnax-il elf disa' mija u tmenin ewro (€12,980) rappreżentanti depożitu mħallas għal xogħol li s-soċjetà konvenuta ma għamlitx u ddikjarat li mhux se tagħmel;

4. Tordna lis-soċjetà konvenuta tagħmel ir-riparazzjonijiet neċessarji fil-kċina installata f'Penthouse numru 14, Tal-Gardel, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, fi żmien qasir u perentorju taħt is-sorveljanza tal-perit nominandi;

5. Tordna li fin-nuqqas li s-soċjetà konvenuta tagħmel dak minnha ordnat min din l-Onorabbli Qorti fi żmien prefiss, tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali fil-kċina nstallata ġewwa Penthouse numru 14, Tal-Gardel, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar spejjeż tal-konvenut;

6. Tillikwida dawk id-danni sofferti mir-rikorrenti u dana anke jekk tinħass il-ħtieġa permezz ta' ħatra ta' perit jew perit nominandi;

7. Konsegwentement, tordna lill-intimat iħallas lill-esponenti in linea ta' danni dak l-ammont li jiġi hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1387/24FDP, fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-21 ta' Mejju, 2025, fid-9:30a.m.

Notifika Intimat: Artelegno Limited (C56767) – Triq il-Ħaddieda, Industrial Estate, Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Consequently, order the defendant company to refund the sum of twelve thousand nine hundred and eighty euro (€12,980) representing a deposit paid for work that the defendant company did not carry out and declared that it would not carry out;

4. Order the defendant company to carry out the necessary repairs to the kitchen installed in Penthouse number 14, Tal-Gardel, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar within a short and peremptory time under the supervision of the appointed architect;

5. Order that in the absence of the defendant company doing what is ordered of it by this Honourable Court within a fixed time, authorise the plaintiff to carry out all such remedial works in the kitchen installed in Penthouse number 14, Tal-Gardel, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar at the defendant's expense;

6. Liquidate those damages suffered by the claimant and this even if the need is felt through the appointment of an architect or an architect nominandi;

7. Consequently, order the respondent to pay to the exponent in linea of damages that amount which is thus liquidated by this Honourable Court

With all costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application number 1387/24FDP in the above-mentioned names is adjourned to the 21st of May, 2025, at 9:30a.m.

Notify Respondents: Artelegno Limited (C56767) – Triq il-Ħaddieda, Industrial Estate, Qormi

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1076

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Marzu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1264/2024, fl-ismijiet: G & P Borg Limited vs Khaled Al-Gededi et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: G & P Borg Limited (C16209) vs Khaled Al-Gededi (150594M) et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Novembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th of March, 2025, in the records of Sworn Application number 1264/2024, in the names: G & P Borg Limited vs Khaled Al-Gededi et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: G & P Borg Limited (C16209) vs Khaled Al-Gededi (150594M) et presented in the Civil Court, First Hall on the 20th of November, 2020, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpanija attriċi fis-somma ta' wieħed u sittin elf, tlett mija u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€61,387.64), inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi rezi u ta' materjal ikkonsenjat mill-istess kumpanija attriċi, fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-konvenuti, ġewwa s-sit ossija Villa Tinkwetax, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, skont il-pattijiet u l-kundizzjonijet tal-kuntratt t'appalt tat-8 ta' Ottubru 2020;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu, lill-kumpanija attriċi, s-somma msemmija ta' wieħed u sittin elf, tlett mija u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€61,387.64).

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1264/2024 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-20 ta' Mejju, 2025, fid-9:00a.m.

Notifika Intimat: Khaled Al-Gededi (150594M) – 'Mon Repos', Islet Promanade, San Pawl il-Baħar
Sharon Al-Gededi (365173M) - 'Mon Repos', Islet Promanade, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' April, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare that the defendants are debtors of the plaintiff company in the sum of sixty-one thousand, three hundred and eighty-seven Euros and sixty-four cents (€61,387.64), including value added tax, representing the balance of the price of services rendered and materials delivered by the same plaintiff company, on behalf of and for the benefit of the defendants, at the site namely Villa Tinkwetax, Triq il-Qawra, St. Paul's Bay, in accordance with the terms and conditions of the contract of 8 October 2020;

2. Order the defendants to pay, to the plaintiff company, the said sum of sixty-one thousand, three hundred and eighty-seven Euros and sixty-four cents (€61,387.64).

With all costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application number 1264/2024 in the above-mentioned names is adjourned to the 20th of May, 2025, at 9:00a.m.

Notify Respondents: Khaled Al-Gededi (150594M) – 'Mon Repos', Islet Promanade, San Pawl il-Baħar
Sharon Al-Gededi (365173M) - 'Mon Repos', Islet Promanade, San Pawl il-Baħar

Registry of the Superior Courts, today 25th April, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1077

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-24 ta' Frar 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Christine Marie Galea (KI 326294M) ta' 18, Sacred Heart, Manoel Vilhena Street, Swatar, Birkirkara ippreżentat Talba, fid-29 ta' Ottubru 2024, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roderick Bezzina ta' RB Screed Projects, 54, Triton Flat 3, Qawwara Street, Marsascala, sabiex jħallas lill-attriċi s-somma ta' €4,847.66 liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Il-kawża (CCT Numru 1/2025DS) hija differita għat-12 ta' Mejju 2025 fid-9.00a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 24th February 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Christine Marie Galea (ID 326294M) of 18, Sacred Heart, Manoel Vilohena Street, Swatar, Birkirkara, filed a Claim on the 29th October 2024 whereby she asked the Tribunal to condemn Roderick Bezzina of RB Screed Projects, 54, Triton, Flat 3, Qawwara Street, Marsascala, to pay the plaintiff the sum of €4,847.66 which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 1/2025/DS) is deferred on the 12th May 2025 at 9.00a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1078

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-3 ta' Diċembru 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Josephine Cutajar.

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Luqa, LQA 4000, ippreżentaw Talba, fis-26 ta' Novembru 2024, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Josephine Cutajar (KI 243674M) ta' 19, Venduta, Flt 4, Triq Sir LOuigi Preziosi, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €951.08 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 331/2024MD) hija differita għall-20 ta' Mejju 2025 fis-13.40p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 3rd December 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Josephine Cutajar in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Luqa, LQA 4000 filed a Claim on the 26th November 2024 whereby they asked the Tribunal to condemn Josephine Cutajar (ID 243674M) of 19, Veduta, Flt 4, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €951.08 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 331/2024MD) is deferred on the 20th May 2025 at 13.40p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1079

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Novembru 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Edward Spalding.

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Luqa, LQA 4000, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Novembru 2024, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Edward Spalding (KI 66586M) ta' Ta' Dbiegi Crt, Fl 1, Triq Frangisk Portelli, Għarb, Gozo, sabiex jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2289.82 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 316/2024MD) hija differita għall-20 ta' Mejju 2025 fis-13.35p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' April 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st November 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Edward Spalding in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Luqa, LQA 4000 filed a Claim on the 20th November 2024 whereby they asked the Tribunal to condemn Edward Spalding (ID 66586M) of Ta' Dbiegi Crt, Fl 1, Triq Frangisk Portelli, Għarb, Gozo, to pay the plaintiff company the sum of €2289.82 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 316/2024MD) is deferred on the 20th May 2025 at 13.35p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th April 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1080

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' April, 2025,fuq talba ta' Citadel Insurance plc ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti UnipolSai Assicurazioni S.P.A., Roberto Agrippino u Alessandro Lagana' fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1339/2025 fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 2025 ta' Citadel Insurance plc (C21550) ta' 26, Casa Borgo, Market Street, Il-Furjana FRN 1082, kontra UnipolSai Assicurazioni S.P.A ta' Via Stralingrado, 45, 40128, Bologna; Roberto Agrippino – Via Arciprete Carmelo Parisi, 709501, Mascali, CT, L-Italja, u għal kull interess li jista' jkollu Alessandro Lagana' ta' Via Giovanni Verga, 495016 Mascali, Catania, L-Italja, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti UnipolSai Assicurazioni S.P.A; Roberto Agrippino u Alessandro Lagana' fejn permezz tal-preżenti Citadel Insurance plc (C21550) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Teresina Cassar (KI 11970G) ta' Alter Court, Flat no 4, Triq Bir Rix, Santa Luċija, Ta' Kerċem, Għawdex, bil-polza tal-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar bin-numru TRIND/89/23/160663, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilisitiku li seħħ fl-14 ta' April, 2023, f'Milo via Crisafulli in prossimita del Civico 44, Sqallija, l-Italja, u f'liema inċident kienet involuta l-vettura numru ta' reġistrazjoni GB531BB (numru ta' reġistrazjoni tal-Italja) u dik bin-numru ta' reġistrazzjoni CV374AV (numru ta' reġistrazzjoni tal-Italja) misjuqa mill-intimat Roberto Agrippino u assigurata ma' UnipolSai Assicurazzioni S.P.A.

Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti daparti tiegħek/tal-assikurat tagħkom u li per konsegwenza ta' hekk, l-assikurata sofriet d-danni;

Illi għaldaqstant, permezz tal-preżenti, il-mittenti qiegħda tinterpellakom sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma ta' €30,861.24, liema somma tinkludi €7,918.98 injury expenses imħallsin mill-mittenti lil Teresina Cassar rappreżentanti danni sofferti minnha fl-inċident imsemmi u €22,942.26 f'servizzi ta'Air and Land Ambulances.

Il-mittenti jinfurmawkom illi f'każ li t-terminu lilkom mogħti jgħaddi inutilment huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr illi jipproċedu ulterjorment fil-konfront tagħkom jew min minnkom bil-mezzi li trid il-liġi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 4th April, 2025, following a request by Citadel Insurance plc it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent UnipolSai Assicurazioni S.P.A., Roberto Agrippino u Alessandro Lagana' in the acts of the judicial letter number 1339/2025 in the names Citadel Insurance plc vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 24th March 2025 by Citadel Insurance plc (C21550) of 26, Casa Borgo, Market Street. Floriana FRN 1082 vs UnipolSai Assicurazioni S.P.A of Via Stralingrado, 45, 40128, Bologna; Roberto Agrippino – Via Arciprete Carmelo Parisi, 709501, Mascali, CT, Italy, and for any interest that Alessandro Lagana' may have of Via Giovanni Verga, 495016 Mascali, Catania, Italy, and deputy curators to represent the absent UnipolSai Assicurazioni S.P.A; Roberto Agrippino and Alessandro Lagana whereby by means of this present Citadel Insurance plc (C21550) as subrogated in the rights of the insured Teresina Cassar (ID 11970G) of Alter Court, Flat no 4, Triq Bir Rix, Santa Luċija, Ta' Kerċem,, Gozo, with the travel insurance policy number TRIND/89/23/160663 makes reference to the car accident which occured on the 14th April, 2023, in Milo via Crisafulli in prossimita del Civico 44, Sicily, Italy, and in which accident the vehicel with registration number GV 531BB (Italian registrion number) and that with registration number CV 374AV (Italian registration number) driven by Roberto Agrippino and insured with UnipolSai Assicurazioni S.P.A where involved.

That this incident occurred solely due to carelessness, negligence, lack of skill and lack of observance of the regulations on your part/of your insured and that as a consequence, the insured suffered damages;

Thus, by means of the present, the interpellant is soliciting you so that within five (5) days from the date of this judicial letter you pay the sum of €30,861.24, which sum includes €7,918.98 injury expenses paid by the interpellant to Teresina Cassar representing damages suffered by her in the incident mentioned and €22,942.26 in Air and Land ambulances services.

The interpellants inform you that in case the time given to you passes uselessly they will have no alternative but to proceed further against you or any of you by the means permitted by law.

